MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 412/2012/1

**Emanuel Psaila ezercitanti l-kummerc taht l-isem Emmanuel Psaila & Sons**

**vs**

**Jean Paul Busuttil**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fl-10 ta' Mejju, 2013 mit-Tribunal Ghal Talbiet Żgħar li ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*"It-Tribunal,*

*Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara li jiggestixxi barriera tal-gebel li tinsab fl-Imqabba. U billi r-rikorrenti biegh u kkonsenja lill-intimat gebel u xorok b'inkarigu tal-istess intimat. U billi l-ammont dovut lir-rikorrenti*

*mill-intimat dwar dan il-bejgh u konsenja ta' gebel u xorok hu fl-ammont ta' elf tlett mija tmienja u hamsin ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,358.94c). U billi l-intimat minkejja li gie interpellat diversi drabi biex ihallas dan l-ammont dovut lir-rikorrenti kif hawn fuq spjegat baqa' inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi dan it-Tribunal m'ghandux: (1) Jiddikjara li rrikorrent biegh u kkonsenja lill-intimat accettanti gebel u xorok li l-hlas taghhom dovut lill-istess rikorrent hu fl-ammont ta' elf tlett mija tmienja u hamsin ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,358.94c); (2) Jiddikjara illi l-intimat hu debitur tar-rikorrent fis-somma ta' elf tlett mija tmienja u hamsin ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,358.94c) kif fuq spjegat; (3) Jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent is-somma ta' elf tlett mija tmienja u hamsin ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,358.94c).*

*Bl-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez.*

*Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi: (i) l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif jirrizulta mid-dokument redatt mill-attur hawn anness u mmarkat Dok. JP1; (ii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat ma ghandu jaghti xejn lill-attur li da parti tieghu jrid igib prova ta' dak minnu allegat fit-talba.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.*

*Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.*
*Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.*

*Ikkunsidra,*

*Illi din is-sentenza tittratta unikament dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.*

*Illi in forza ta' din l-azzjoni l-attur qed jitlob hlas minghand il-konvenut tal-prezz ta' diversi xorok mibjugha u kkonsenjati lill-istess konvenut. Illi dawn ix-xorok gew ikkonsenjati lill-konvenut minn iben l-attur permezz ta' zewg konsenji, wahda fl-1 ta' Ottubru, 2010 u l-ohra fl-4 ta' Ottubru, 2010. Illi eventwalment l-attur hareg fattura relattiva ghall-konsenja ta' dan il-materjal, liema fattura hija datata 14 ta' Novembru, 2011. Illi l-attur isostni illi l-konvenut ma hallasx ghal dan il-materjal, li gie kkonsenjat f'sit Had Dingli fejn il-konvenut kien qed iwettaq xoghol ta' ristruturazzjoni ta' proprjeta' tieghu, u li minkejja li talab il-hlas, dan baqa' ma giex imwettaq.*

*Illi l-konvenut, da parti tieghu jsostni illi ebda ammont m'huwa dovut minnu lill-attur, u dan ghaliex meta gie konkluz ix-xoghol ta' ristrutturazzjoni tal-proprjeta' tieghu, hu hallas lill-kredituri kollha tieghu u ghalhekk ma kien fadallu ebda pendenza in rigward. Illi l-konvenut mhux qed jikkontesta illi x-xorok in kwistjoni gew ikkonsenjati, u dan anke ghaliex gharaf il-firma tieghu fuq id-delivery note datata l-1 ta' Ottubru, 2010 u gharaf ukoll il-firma ta' foreman li kien gie nkarigat mill-kuntrattur fuq id-delivery note datata 4 ta' Ottubru, 2010, izda jikkontendi illi hu hallas lill-kuntrattur ghal dan il-materjal, li da parti tieghu accertah illi kien hallas lill-fornituri kollha ta' materjal li ntuza f'din il-proprjeta'. Meta gie mistoqsi dwar il-mod kif wettaq il-hlas tal-prezz ta' dawn ix-xorok, il-konvenut iddikjara illi seta' kien permezz ta' cheque jew fi flus kontanti; madanakollu, ma kellux il-mezz li jivverifika dwar dan, ghaliex ir-ricevuti u dokumenti relattivi kien warrabhom, anzi ddispona minnhom. Illi ddikjara wkoll illi ntuzaw aktar xorok fil-proprjeta' tieghu mill-kwantita' li giet ikkonsenjata permezz taz-zewg delivery notes mertu ta' din il-kawza. Illi ddikjara wkoll il-progett ta' ristrutturazzjoni tal-proprjeta' tieghu,*

*sal-istat ta' advanced shell, gie kompletat sal-ahhar tas-sena 2010, ghaliex f'Dicembru ta' dik is-sena kienu marru xi persuni, li kienu interessati li jixtru din il-proprjeta', sabiex jarawha.*

*Ikkunsidra,*

*Illi in rigward l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar il-preskrizzjoni, u dan in bazi tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili, dan jipprovdi terminu preskrittiv ta' tmintax-(18) il xahar. Illi l-konvenut, permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, ghamel referenza ghal gurisprudenza tal-Qrati taghna dwar l-applikabilita' ta' dan il-provvediment tal-ligi – invece che l-Artikolu 2149 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta – ghall-kaz in ezami, u dan in bazi ghall-fatt illi l-attur kien qieghed biss jissupplixxi lill-konvenut bil-materjal, ossia x-xorok, izda ma kien bl-ebda mod involut fir-ristruturazzjoni u kostruzzjoni tal-proprjeta' in kwistjoni, liema xogholijiet kien gie inkarigat kuntrattur terz sabiex iwettaqhom. Illi minn qari tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur, jidher illi hemm qbil ma' din it-tezi tal-konvenut – stante illi l-attur fl-ebda waqt ma ddikjara illi kellu jkun l-Artikolu 2149(a) tal-Kap 16 tal- Ligijiet ta' Malta applikabbli ghall-kaz odjern, u mhux l-Artikolu 2148(b) tal-istess Kap – salv illi l-attur jikkontendi illi t-terminu preskrittiv applikabbli ghall-kaz in ezami ghandu jkun ta' hames-(5) snin, u mhux tmintax-(18) il xahar, stante illi l-fornitura ta' materjal mill-attur lill-konvenut kienet bl-ingrossa, u mhux bl-imnut, oltre illi l-generu u l-kwantita' ta' materjal li gie fornit mill-attur lill-konvenut wkoll jindikaw illi huwa applikabbli, se mai, terminu preskrittiv ta' hames-(5) snin.*

*Illi mid-delivery notes u l-fattura li gew pprezentati jirrizulta illi l-materjal in kwistjoni gie mibjugh u kkonsenjat permezz ta' zewg konsenji, wahda saret fl-1 ta' Ottubru, 2010 u l-ohra fl-4 ta' Ottubru, 2010, filwaqt illi l-fattura relattiva hija datata 14 ta' Novembru 2011. Illi l-azzjoni odjerna giet intavolata fis-6 ta'*

*Gunju, 2012, u fil-perjodu minn meta saret il-konsenja sa meta giet proposta l-azzjoni, ma gewipprezentati ebda atti gudizzjarji li permezz taghhom saret sejha ghall-hlas. Illi mix-xhieda li nghatat mill-partijiet irrizulta illi dawn iz-zewg konsenji li saru mill-attur, li permezz taghhom issupplixxa lill-konvenut bix-xorok in kwistjoni, ma kienux l-unici konsenji ta' materjal li saru mill-attur, u jidher ghalhekk illi saru xi konsenji ohra qabel. Illi mid-deposizzjoni li nghatat mill-attur – mhux kontradetta mill-konvenut – irrizulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni kummercjali li tmur lura ftit tas-snin, u tul dan iz-zmien l-attur kien jissupplixxi lill-konvenut bil-materjal, u imbaghad, wara l-konsenja ta' diversi ordnijiet ta' materjal, kienet tinhareg fattura li kien ikun fiha migbur l-ammont dovut sa dak l-istadju. Illi tali deskrizzjoni tal-ftehim informali li kien hemm bejn il-partijiet jindika illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ma kienetx tittrattata partita wahda, izda li kien hemm pluralita' ta' okkazjonijiet meta l-konvenut xtara materjal minghand l-attur, li ghandu barriera. Illi mhux daqstant car, madanakollu, jekk ix-xiri ta' materjal li sar mill-konvenut kienx kollu in konnessjoni ma' dan il-progett ta' ristrutturazzjoni tal-proprjeta' f'Had Dingli, jew hux in konnessjoni ma' xi progett iehor. Illi fi kwalunkwe kaz, u sabiex jigi stabbilit jekk il-provvediment tal-Ligi dwar preskrizzjoni indikat mill-konvenut hux applikabbli ghall-kaz in ezami, huwa pertinenti u rilevanti li jigi determinat x'uzu sar mill-materjal ikkonsenjat mill-attur lill-konvenut, u cioe' jekk tali materjal kienx intiz ghall-uzu tal-istess konvenut jew jekk kienx qed jintuza f'xi progett kummercjali. Illi tali materjal intuza fi proprjeta' li l-konvenut iddeskriviha bhala residenza, li madanakollu, jidher li tpoggiet fuq is-suq sabiex tinbiegh lil terzi, fi stat ta' advanced shell, ftit tax-xhur biss wara li gie kkonsenjat il-materjal mertu ta' din il-kawza. Illi minkejja l-fatt illi l-konvenut hass il-htiega jikkjarifika li dan ma kienx xi progett kummercjali, izda kien qed jigi mwettaq xoghol fuq residenza, madanakollu, ic-cirkostanzi tal-kaz iwasslu lil dan it-Tribunal ghall-konkluzjoni u konvinzjoni illi r-ristrutturazzjoni ta' din il-proprjeta' kienet qedha ssir ghal skopijiet ta' spekulazzjoni, u cioe' bl-*

*intendiment illi din il-proprjeta' tigi negozjata u mibjugha, u mhux sabiex il-konvenut jirrisjedi fiha. Illi dan kollu huwa rilevanti in kwantu allura l-process ta' xiri ta' materjal da parti tal-konvenut minghand l-attur kien jikkostitwixxi att ta' kummerc, u mhux sempliciment att ta' xiri bl-imnut minn konsumatur kwalunkwe.*

*Illi l-Artikolu 5 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi: "Huma atti tal-kummerc – (a) ix-xiri ta' hwejjeg mobbli sabiex jerghhu jinbieghu jew sabiex jinghataw b'kiri, sew in natura jew wara li jinhadmu jew jigu manifatturati; il-bejgh jew il-kiri ta' hwejjeg mobbli, in natura jew wara li jinhadmu jew jigu manifatturati, meta x-xiri taghhom ikun sar sabiex jerghhu jinbieghu jew sabiex jinghataw b'kiri; .... (h) ix-xiri u l-bejgh mill-gdid ta' immobbli, meta jsiru bi spekulazzjoni kummercjali, u l-intraprizi ta' bini". Illi minkejja li l-ammont ta' materjal, ossia xorok, li giet akkwistata mill-konvenut permezz ta' dawn iz-zewg konsenji ma jidhirx li kienet fi kwantitajiet kbar, madanakollu t-Tribunal huwa sodisfacentement konvint illi tali attivita' kienet att ta' kummerc, in kwantu dak il-materja gie akkwistat mill-konvenut sabiex jigi applikat u uzat fi progett li ghandu indoli kummercjali. Illi jsegwi ghalhekk illi t-terminu preskrittiv indikat mill-konvenut m'huwiex applikabbli ghal kaz odjern, u li ghalhekk tali eccezzjoni ta' preskrizzjoni m'ghandhix tigi akkolta. Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, jordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza fil-mertu. Jirrizerva li jipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali."*

Illi minn din is-sentenza preliminari dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni appella l-intimat Jean Paul Busuttil bl-aggravju illi t-Tribunal kien żbaljat meta ikkonkluda li l-bejgħ ta' din il-kwantita żgħira ta' xorok kien att ta' kummerċ għar-raguni illi l-konvenut għadda biex ipoġġi d-dar tiegħu għall-bejgħ. Dan

ukoll ghaliex il-konklużjoni tat-Tribunal illi l-partijiet kellhom xi relazzjoni kummerċjali u li dan kien proġett ta' indoli kummerċjali ma tirriżultax mill-provi.

Illi l-fatti kif jirriżultaw mill-atti proċesswali huma s-segwenti:

Illli l-konvenut kien qed jagħmel xogħol fil-proprjeta tiegħu f'Ħad Dingli. Il-konvenut ikkuntratta mal-attur, li ghandu negozju ta' bejgħ ta' materjal ghal kostruzzjoni, sabiex jigi supplit b'xorok għall-użu fil-proprjeta tiegħu li kienet qed tigi ristrutturata. Ix-xogħolijiet kienu qed isiru minn bennej imqabbad mill-konvenut.

Ix-xorok ġew suppliti fl-1 ta' Ottubru 2010 u fl-4 ta' Ottubru 2010. Dwar dan ma hemmx kontestazzjoni. L-attur ikkuntattja lill-konvenut bit-telefon u talbu jħallas l-ammont ta' Ewro 1358.94 c in konnessjoni ma' dan ix-xogħol. Inħarġet ukoll fattura datata 14 ta' Novembru 2011. Dan baqa ma hallasx u sussegwentament infetħet il-kawża odjerna. Il-konvenut da parti tiegħu jallega illi huwa ħallas il-prezz ta' dan il-materjal ikkonsenjat lilu. Illi inoltre il-konvenut appellanti eċċepixxa l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16, liema eċċezzjoni ġiet miċħuda mit-Tribunal għaliex kien tal-fehma illi l-attivita tal-konvenut kienet tikkostitwixxi att ta' kummerċ u kwindi kellha tapplika il-preskrizzjoni kwinkennali konness ma' negozju kummercjali. Dan ghaliex ikkonkluda illi:

***"ic-cirkostanzi tal-kaz iwasslu lil dan it-Tribunal ghall-konkluzjoni u konvinzjoni illi r-ristrutturazzjoni ta' din il-proprjeta' kienet qedgha ssir ghal skopijiet ta' spekulazzjoni, u cioe' bl-intendiment illi din il-proprjeta' tigi negozjata u mibjugha, u mhux sabiex il-konvenut jirrisjedi fiha."***

L-appell jitratta n-natura tan-negozju intrapriz mill-konvenut appellanti u cioe' jekk ir-ristrutturazzjoni minnu maghmula f'proprjeta f'Had Dingli ghandhiex tigi ikkunsidrata bhala att tal-kummerc minn naha tieghu u allura jekk x-xiri

tax-xorok minnu maghmula ghandhiex tikkwalifikax bħala att kummerċjali. Gie ritenut illi ***"mhix il-kundizzjoni tal-persuna li ghandha tiddetermina jekk att huwiex ta' natura civili jew kummercjali, imma n-natura stess ta' l-att; b'mod li jista' jkun kummercjali avvolja mhux maghmul minn kummercjant, kif jista' jkun civili avvolja maghmul minn kummercjant" (Vol XXXII pII p460)***[1].

Il-kelma 'att' skond il-kommentaturi tal-liġijiet li fuqhom ġiet modellata l-liġi tagħna, tfisser in-negozju ġuridiku in kwistjoni: quod actum est. (**Joseph Mifsud vs Edward Spiteri, AC, 21/04/1961**) Fil-fehma ta' din il-Qorti l-argument tal-konvenut appellanti u ċioe illi dawn ix-xorok kienu ser jintużaw ghax-xogħolijiet strutturali li kienu qed isiru fir-residenza tiegħu, ma jurix neċessarjament illi l-att tal-konvenut ma kellux x'jaqsam mal-kummerċ. Jekk jagħti l-każ illi huwa kien ser ipoġġi din ir-residenza għan-negozju, per eżempju billi jirranġaha u jerġa jbiegħha, allura dak l-att tal-konvenut isir imbagħad att kummerċjali. Wiehed ghandu allura ihares lejn l-iskop lukrattiv ta'l-att, l-ammont ta' materjal li inbiegh u jekk dan ghandux jitqies bhala bejgh bl-imnut jew bl-ingrossa.

Illi dan il-punt ta' dritt li jolqot il-principji legali dwar l-estinzjoni ta'l-azzjoni bid-dekors taz-zmien statutorju rilevanti ghal kaz gie superjorment imfassal fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Micallef pro.et.noe vs Francis Mercieca** deciza fis-26 ta' Mejju 1967 li din il-Qorti ser tirriproduci billi fiha studju analitiku dwar id-distinzjoni bejn il-preksrizzjoni qasira u dik kwinkwennali. Inghad:

---

[1] Appell Civili Numru. 3/2002 Anthony Friggieri vs Neville Borg, 20 ta' Ottubru, 2003

**"Il-ligi taghna in materja ma sewgitx it-test tal-ligi taljana u franciza li generalment servew lill-legislatur taghna ta' modell. Dawn jitrattaw dwar krediti ta' kummercjanti ghall-prezz ta' merci minnhom mibjugha skond l-artikolu 2139 tal-Kodici Taljan tal-1865 lill-'*persone che non fanno commercio*' u skond l-artikolu 2178 tal-Kodici Franciz (segwit fl-artikolu 2178 tal-Kodici Naplitan, artikolu 2317 tal-Kodici Estensi u artikolu 2400 tal-Kodici Albertin) lill-'*particuliers non marchants*'.**

**Illi minn dan jidher illi d-distinzjoni fondamentali li ried jaghmel il-legislatur taghna kienet bejn il-bejgh bl-imnut u il-bejgh bl-ingrossa. Il-kriterju distinttiv gie ddelineat f'paragrafu in segwitu ripetutament citat, tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc ippresjeduta mill-Imhallef Paolo Debono fil-15 ta' Novembru 1892 fl-ismijiet Attard vs Refalo:**

***'La legge non definisce i relattivi concetti del grande o del piccolo commercio, del commercio all'ingrosso e del commercio all'minuto ma, secondo la dottrina,il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore e' che il primo vende per lo piu a coloro i quali commerciano della cosa comprata mentre il secondo vende pero' lo piu' al consumatori e in piccole quantita' misurate del bisogno di costoro(*** **Koll. Vol.XIII.294).**

Tkompli izda dik is-sentenza:

**'Illi accettat dan in linja ta' principju, din il-Qorti fis-sentenza (Appell Inferjuri) tas-17 ta' Jannar 1912 fl-ismijiet Fenech vs Galea (Koll.Vol.XXI.i.406) opportunament aggungiet illi l-ligi fid-disposizzjoni in ezami ma tharisx lejn dik li tista tkun il-professjoni abitwali tant tal-grossista kemm tad-dettaljatur, imma thares lejn il-vendita fiha inifisha '*e' se questa e' fatta a minuto, cioe', in piccole partite, essa soggiace alla prescrizione breve di diciotto mesi, sia che venga fatta dal negoziante al dettagliatore sia che de quest'ultimo si faccia al consumatore, potendo darsi il casoche anche il grossista rivenda in qualche caso particolare le sue merci in dettaglio.'."***

Din il-Qorti tosserva illi l-konvenut akkwista materjal ghal kostruzzjoni tal-proprjeta tieghu f'iktar minn partita wahda. Fil-fatt huwa inkontestat illi saret

iktar minn konsenja wahda. Di piu' l-iskop wara l-akkwist tal-materjal u ir-ristrutturazzjoni tad-dar fejn intużaw ix-xorok kienet wahda spekulattiva billi l-intenzjoni tal-konvenut appellanti kienet illi id-dar titqieghed fis-suq fi stat ta' *advanced shell* tant illi ftit wara li saru l-konsenji l-konvenut beda jattira kumpraturi prospettivi ghal proprjeta tieghu u dan meta l-istess proprjeta kienet għadha fil-kors ta' kostruzzjoni. Ighid hekk il-konvenut fix-xhieda tieghu: ***"jiena naf illi l-proġett kollu kien ġie kompletat sal-aħħar tas-sena 2010 għaliex f'Diċembru ta' dik l-istess sena kien ġa kelli xi viewings għall-bejgħ ta' din il-proprjetà."*** Il-konsenja tax-xorok in kwistjoni saret f'Ottubru tal-2010 u l-proprjeta zgur li tpoggiet fuq is-suq fi stat advanced shell f'Diċembru tal-2010.

Kollox jindika illi dan l-att kien konness ma' negozju. Ġaladarba għall-konvenut l-att kien konness ma' operazzjoni tal-kummerċ, u gjaldarba gie stabbilit illi l-bejgh ma jistax jigi ikkunsidrat bhala wiehed bl-imnut, billi kien mifrux fuq diversi konsenji, għalhekk għal dan in-negozju kien japplika il-prekrizzjoni it-twila ta' hames snin u mhux dik ta' tmintax-il xahar. Ghal dawn il-motivi l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

Illi l-konvenut appellanti jilmenta inoltre illi l-konklużjoni tat-Tribunal illi l-partijiet kellhom xi relazzjoni kummerċjali u li dan kien proġett ta' indoli kummerċjali ma tirriżultax mill-provi. Kif intqal fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju, il-Qorti għandha tħares lejn in-natura stess tal-att tax-xiri tax-xorok, u mhux lejn x'relazzjoni kien hemm bejn il-partijiet fil-kawża. Huwa dak l-att inniffsu illi jiddetermina jekk dak n-negozju jikkwalifikax bħala att kummerċjali jew le. Il-kondizzjoni tal-partijiet f'din il-kawża, u ċioe jekk kienx hemm relazzjoni kummerċjali bejniethom jew le, ma għandhiex relevanza għall-fini tad-determinazzjoni tan-natura tal-att, u hija n-natura tal-att iniffsu illi

tistabilixxi x’tip ta’ negozju kien, u ċioe jekk hux wieħed ċivili jew kummerċjali. Għalhekk anke t-tieni aggravvju ukoll qed jigi michud.

Għal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata. Tirrimanda l-atti lit-Tribunal sabiex hemm tkompli tigi trattata u deciza il-kawza fil-mertu u fid-dawl ta’l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenut.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut appe

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------